Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| Seduta | 03/13 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| Data | 14/03/2013 fis-6.45pm | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| Attendenza | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Vici Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Skużat |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Skużat |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**03. 1. Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Proponent: Pace<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Kunsill approva nem.com il-minuti 02/13 hekk kif ġew preżentati. Għal din il-laqgħa ma kienx hemm korrezzjonijiet.** | |
| 03. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**03. 2. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 1 | | Avv. Joanne Vella Cuschieri: Ħsara fuq vettura fi Triq San Anard | Il-Kunsill qara l-ittra ta' l-Avukat Vella Cuschieri għan-nom tas-Sur Darren Borg dwar ħsara fuq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni MGN025 fi Triq San Anard minħabba ħofra fl-istess triq. **Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja jekk din it-triq taqax taħt il-konfini taż-Zejtun.** | Segretarjat<br>CA |
| 12. 2. 2 | 06 | TM: Zebra Crossings fi Triq A. Cachia Zammit | **Il-Kunsill qabel li għandha titħejja pjanta mill-Perit tal-Kuinsill sabiex tiġi sottomessa flimkien mat-talba tal-Kunsill għal zebra crossing fi Triq A. Cachia Zammit.** | |
| 03. 2. 3 | 09 | Beland Band Club: Twaħħil ta' billboards | **Il-Kunsill approva it-twaħħil ta' billboards mill-Għaqda Mużikali Beland għal Music Festival li ser isir f'Mejju. Il-Billboards ser jitwaħħlu fi Triq san Klement, Misraħ il-Bjar, Triq Luqa Bfriffa** faċċata **ma' Ġnien tal-Kmandant u Triq id-Daħla ta' San Tumas.** | |
| 03. 2. 4 | 11 | TM: Bankina fi Triq Lvant | Dwar il-każ ta' bankina mingħajr permess fi Triq Lvant, il-Kunsill innota li ser issir sanction letter. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 5 | | M'Grace Aquilina: Ħsara fuq vettura fi Triq Bormla | **Il-Kunsill approva r-rimbors ta' Eur50 għal ħsara li ġarrbet is-Sinjura Aquilina fuq il-vettura tagħha fi Triq Bormla.** | Segretarjat |

**03. 3.** **Ġieħ iż-Żejtun**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 3. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku felaħ in-nomini li rċieva għat-titlu ta' Ġieħ iż-Żejtun. Il-Kunsill irċieva 2 nomini għal Christian Caruana ID 79489M u joqgħod fi Sqaq il-Mitħna u żewġ nomini oħra għal Ġużeppi Vella ID 524058M li joqgħod fi Triq l-Ispirtu s-Santu.. | |
| 03. 3. 2 | | | Dawn iż-żewġ persuni ġew nominati minn aktar minn 10 residenti Żwieten, it-tnejn li huma twieldu u joqgħodu ż-Żejtun, qed jaħdmu b'mod dedikat u b'mod disinteressat b'risq il-poplu taż-Żejtun. | |
| 03. 3. 3 | | | Filwaqt li Christian Caruana ilu dawn l-aħħar 10 snin jaħdem l-aktar fil-qasam kulturali, Ġuzeppi Vella ilu jaħdem b;mod perserveranti u kontinwu volontarjament fil-qasam filantropiku u soċjali għal dawn l-aħħar 30 sena. | |
| 03. 3. 4 | | | **Fuq proposta tal-Kunsillier Pace sekondata mill-Kunsillier Seychell, il-Kunsill b'mod unanimu qabel li t-titlu ta' Ġieħ iż-Żejtun għas-sena 2013 imur għal Ġużeppi Vella fil-volontarjat sar bla ebda renumerazzjoni u l-perseveranza fuq mhedda ta' tletin sena.** | |
| 03. 3. 5 | | | Il-Kunsillier Seychell ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għas-serata fejn jingħata dan il-Ġieħ nhar it-Tlieta 19 ta' Marzu fis-7.30pm fil-Juventutis Domus. | |
| 03. 3. 6 | | Viċi-Sindku: Treasure Hunt | **Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser issir treasure hunt għat-tfal fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żejtun.** | Viċi-Sindku |

**03. 4.** **Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 4 1 | 02.2.1 | Sindku:- Xogħlijiet fi Triq Strejnu | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li x-xogħlijiet fi Triq Strejnu għadhom għaddejjin. Is-CEO is-Sur Mark Muscat informa lill-Kunsill li m'hemmx flus biex isir id-drenaġġ fi Triq Xrobb l-Għaġin. Għaldaqstant ser issir biss dik il-fergħa li testendi fi Triq Strejnu biex jitlesta r-resurfacing. | Sindku |
| 03. 4 2 | 02.7.10 | Sindku:- Child Day Care Centre Expression of Interest | Is-Sindku informa lill-Kunsill li għalqet id-data li fihom kellhom jintefgħu l-expression of interest għac-Child Day Care Centre. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 03. 4 3 | Fenech:- Skola f'Santa Luċija dwar Attivita' Sportiva | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata mill-kap ta' l-iskola ta' santa Lucija sabiex issir attivita Sportiva b'involviment tal-Kunsill Lokali nhar it-12 ta' April 2013. Il-Kunsill qabel li għandha titħalla għal Kunsill ieħor. | |
| 03. 4 4 | Sindku: Momentos | **Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-kunsilliera Darmanin, Pace u Seychell, li ddeċidew li ma joħorġux għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali li jmiss jingħataw momentos bħala ringrazzjament tax-xogħol tagħhom fil-Kunsill.** Dan il-momento ser jiġi ppreżentat mis-Sindku is-Sur Joe Attard waqt is-serata ta' Ġieh iż-Żejtun. | Sindku |
| 03. 4 5 | Sindku: Awguri | **Il-Kunsill qabel li jibgħat l-awguri tiegħu lill-Prim Ministru, is-Sur Joseph Muscat u lill-Ministri 'l ġodda.** | Segretarjat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-7.45pm. sine die.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv